**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 14/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro )**

**vs**

**Paul CAMILLERI**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Settembru 2022 fil-konfront ta' **Paul CAMILLERI**, iben Victor u Anna nee` Tonna, imwieled fit-23 ta' Ottubru 1948, residenti ġewwa 18, St. Catherine, Triq Marjanu Gerada, Żurrieq u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0923848(M), li ġie mixli talli:

(i) Nhar il-21 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta ta' 07.15hrs, fl-inħawi taż-Żurrieq u fil-Gżejjer Maltin ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża kull tip ta' trabokk,

kemm bix-xibka u kemm mingħajr u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu, b'xi mezz xi għasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(ċ) ta' Avviż Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra l-piena skont il-liġi, tordna r-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hekk kif stabbilit taħt ir-Regolament 27(2)(b) tal-Avviż Legali 70 tal-2006, hekk kif emendat u s-sospensjoni tal-liċenzja taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Armi, għal żmien li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artikoli tal-liġi, senjatament ir-Regolament 7(1)(f), 18(1)(ċ) u 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-imputat **Paul CAMILLERI** (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-piena ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Il-Qorti, fit-termini tar-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Paul CAMILLERI** appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex "*tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni*".

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell intavolat minn Paul CAMILLERI billi opponiet għat-talba kif dedotta fl-istess rikors u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw il-mertu tal-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar id-29 ta' Awwissu 2023. Fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar it-22 ta' Frar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom xejn xi jżidu mat-trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar il-21 ta' Awwissu 2021, il-Pulizija ġiet infurmata permezz ta' telefonata anonima illi fl-inħawi ta' bejn iż-Żurrieq u Ħal Far, kien hemm persuna li dehret tispara fuq ħames tajriet, Igretti, kif ukoll illi din il-persuna waqqgħet waħda minnhom u ġabritha ftit wara. PS 1030 Clinton Theuma talab lil min ċempel sabiex jiltaqa' magħhom u jigwidahom dwar fejn kien ra lill-kaċċatur jispara fuq it-tajra protetta, dan aċċetta u marru fuq il-post, fejn l-istess persuna tagħthom direzzjonijiet għal ġo għalqa, u fejn skont ix-xhud, kien hemm persuna tikkaċċja. PS 1030 ikompli jgħid illi hekk kif dan tal-aħħar ra lill-Pulizija mexjin lejn l-għalqa, qabad barmil u beda jiġbor xi ħaxix mill-għalqa. Il-Pulizija identifikaw lil din il-persuna bħala Clive Camilleri, li skont ix-xhud, kien qiegħed għall-kaċċa b'senter tat-tip

Franchi. Camilleri stqarr illi kien ra t-tajr protett, iżda huwa ma kienx spara fuqu. Fil-frattemp, l-istess persuna reġgħet ċemplet, permezz tal-Kamra tal-Kontroll, u nfurmat lill-Pulizija preżenti fuq il-post illi l-persuna mitkellma mill-Pulizija (ossia Clive Camilleri) kienet proprju l-persuna li kienet sparat fuq it-tajr protett u li kienet ħbiet it-tajra x'imkien fil-viċin. Tfittxija għat-tajra allegatament milquta, madankollu, irriżultat fin-negattiv.

7. Illi mix-xhieda ta' PS 1030 Clinton Theuma, jirriżulta wkoll illi waqt l-istess tfittxija, fl-istess għalqa, huma nnutaw guva bil-gamiem fiha, u illi fuq il-guva kien hemm trabokk ikkargat, bl-għalf ġewwa fih, sabiex jinqabdu l-għasafar. Jixhed in oltre illi fuq il-post kien hemm ċertu Paul Camilleri, l-appellant odjern, iz-ziju ta' Clive Camilleri, li stqarr illi t-trabokk kien tiegħu. Wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, inkluż id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx, l-appellant reġa' rrepeta dan il-kliem. Hawnhekk huwa ġie nfurmat illi kienu se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu, kif fil-fatt ġara.[1] Kif ingħad iżjed 'il fuq, nhar is-7 ta' Settembru 2022, l-ewwel Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

8. Illi l-gravam sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti jittratta l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan in kwantu l-appellant jemmen bis-sħiħ illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li huwa kien qiegħed juża t-trabokk sabiex jittenta jieħu xi għasfur. L-appellant isostni illi minkejja li PS 1030 Clinton Theuma jixhed illi t-trabokk kien minsub u li kien hemm xi għalf ġewwa fih, fl-affidavit tiegħu, PC 451 Aaron Bugeja ma qal xejn minn dan. Skont l-appellant, it-trabokk in kwistjoni ma kienx f'qagħda illi bih setgħu jinqabdu l-għasafar u dan skont hu, għaliex Clive Camilleri, li kien dak li niżżel it-trabokk minn fuq il-guva, xehed illi t-trabokk ma kienx minsub. L-appellant jinsisti wkoll illi mir-ritratt esebit minn PS 1030 Clinton Theuma, Dok. CT, ossia r-ritratt li juri t-trabokk meta dan kien għadu fuq il-guva, ma jirriżultax illi l-istess trabokk kien wieħed ikkargat. Anzi l-appellant jistieden lil din il-Qorti sabiex tanalizza bir-reqqa dan ir-ritratt u b'mod partikolari sabiex tosserva illi l-gradilja tat-

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1030 Clinton Theuma, a fol. 8a tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' PC 451 Aaron Bugeja, a fol. 6 tal-proċess.

trabokk ma kinitx mgħollija. Fejn suppost kellha tidher il-gradilja, fir-ritratt jidher il-kulur blu tas-sema, b'dan għalhekk illi skont l-appellant, waqt illi t-trabokk kien għadu fuq il-guva, il-gradilja kienet imniżżla u għalhekk ma setgħux jinqabdu għasafar bih. Skont l-appellant, dan kien jidher aktar ċar meta wieħed iqabbel ir-ritratt Dok. CT mar-ritratti l-oħrajn, Dok. CT 1 u Dok. CT 2, li juru t-trabokk wara li tniżżel minn fuq il-guva. L-appellant iżid jgħid illi hawnhekk it-trabokk jidher minsub, u dan stante illi skont ix-xhud, Clive Camilleri, PS 1030 beda 'jilgħab' mat-trabokk u ħa ritratti tiegħu bil-gradilja mtella'. Skont l-appellant għalhekk, il-qagħda tal-gradilja waqt illi t-trabokk kien fuq il-guva, kienet totalment differenti mill-qagħda tal-gradilja wara li t-trabokk tniżżel minn fuq il-guva. L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi għalkemm PS 1030 Clinton Theuma jixhed illi kien hemm l-għalf fit-trabokk, irriżulta illi dan kien biss ħmieġ. Skont hu, in *ogni caso*, il-Pulizija naqsu milli jieħdu ritratti, għalkemm kellhom kull opportunita' illi jagħmlu dan, sabiex jippreżervaw dak li ltaqgħu miegħu bl-aħjar mod.

9. L-appellant jisħaq ukoll illi fuq kollox ma setgħetx tiġi ppreżentata l-aqwa prova għax ma kienx PS 1030 Clinton Theuma li tela' fuq il-guva sabiex iġib it-trabokk, iżda kien Clive Camilleri li għamel dan, u għalhekk huwa biss seta' jixhed u għandu jitwemmen dwar il-qagħda tal-istess trabokk, qabel dan tniżżel isfel. Dan apparti illi skont l-appellant, dak li xehed PS 1030 Clinton Theuma, ma jaqbilx ma' dak li jirriżulta mir-ritratt Dok. CT. Finalment, l-appellant isostni illi ġjaladarba dak it-trabokk ma kienx f'qagħda li jieħu l-għasafar, allura la tista' tissussisti l-ewwel u lanqas it-tieni imputazzjoni.

10. Illi dwar l-aggravju mqajjem mill-appellant fis-sens illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi, il-Qorti tibda billi tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u

legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

11. Illi din il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni hija bażata fuq dak li jipprovdi r-Regolament 7(1)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, liema dispożizzjoni taqra bil-mod segwenti:

> (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi wieħed mill-metodi li ġejjin:
>
> ...
>
> (f) kull tip ta' trabokk, kemm bix-xibka kemm mingħajrha

12. Issir referenza wkoll għall-Iskeda VIII tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, fejn hemmhekk b'referenza għar-Regolament 7(1)(f) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, jingħad illi huwa reat punibbli skont ir-Regolament 27 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, l-użu tat-trabokk li jista' jinġarr li jkun jinkludi l-użu ta' għasafar għall-għajat u/jew taħrik, kemm fit-trabokk jew fiż-żona tal-madwar tat-trabokk,

[2] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

irrispettivament minn jekk l-għasafar għall-għajat u/jew taħrik humiex f'ġaġeġ jew f'guva.

13. Minn qari tal-liġi din il-Qorti tislet li l-użu ta' trabokk, ta' kull tip, huwa pprojbit bis-saħħa tar-Regolament 7(1)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, salv dak li jipprovdu r-Regolamenti 8 u 9 tal-imsemmija leġislazzjoni, f'każ li jkun hemm xi deroga maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi b'rabta ma' proġett partikolari, kif imfisser f'dik id-deroga.

14. Illi huwa ndubitat illi dakinhar tal-ispezzjoni li seħħet nhar il-21 ta' Awwissu 2021, fl-għalqa in kwistjoni, instab trabokk fuq guva, li fiha kien hemm il-gamiem. Madankollu, biex jiskattaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 7(1)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, irid jirriżulta ppruvat, sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp penali, illi dak it-trabokk kien qiegħed jintuża mill-appellant sabiex jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur. Il-punt ta' kontestazzjoni tal-appellant huwa proprju dan.

15. Illi fir-rigward, il-Qorti tqis illi mix-xhieda ta' PS 1030 Clinton Theuma jirriżulta s-segwenti:

> Waqt it-tfittxija pero` fl-istess ghalqa nnotajna li kien hemm guva mimlija bl-ghasafar, kien hemm xi gamiem go fiha u fuq il-guva kien hemm trabokk ikkargat bl-ghalf go fih biex jinqabdu l-ghasafar go fih.[3]

Meta mbagħad mistoqsi mill-Prosekuzzjoni x'ried ifisser ix-xhud, meta qal li l-mansab kien ikkargat, PS 1030 Clinton Theuma wieġeb hekk:

> Pros: Meta tghid ikkargat xi trid tfisser?
>
> Xhud: Hija tip ta' molla, tip ta' bieba kienet miftuha u qieghda under tention (*recte: tension*) biex kif jidhol ghasfur u jirfisha go fiha jidhol l-ikel jinqabad go dan it-trabokk.[4]

---

[3] Ara a fol. 8b tal-proċess.
[4] Ibid.

16. Mill-banda l-oħra x-xhud Clive Camilleri jixhed kif dak it-trabokk kien ġie mpoġġi fuq il-guva minn zijuh, ċertu Anthony Camilleri, li kien ilu mejjet xi sena u nofs. Skont ix-xhud, it-trabokk qatt ma tniżżel minn fuq il-guva u baqa' hemm kif kien ħallieh zijuh. Fi kliemu dak it-trabokk kien:

> Mitluq hemmhekk, kien ilu jaqla' x-xemx u x-xita qisu ghal sena u nofs u ma kienx minsub ... Jigifieri ma kienx qed jintuza.[5]

17. Madankollu din il-Qorti, bħal l-ewwel Qorti qabilha, ma temminx din il-verżjoni tax-xhud Camilleri u dan fid-dawl ta' dak li stqarr *ex admissis* l-appellant stess a *tempo vergine* mal-Pulizija, wara li huwa ġie mogħti d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, u rrifjuta li jużufruwixxi mill-istess.[6] Dwar dak li stqarr l-appellant fuq il-post, l-istess PS 1030 Clinton Theuma jixhed hekk b'referenza għall-istess appellant:

> Dak il-hin ahna mill-ewwel tajnieh id-drittijiet legali kollha fejn huwa rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat, dak il-hin ergajna saqsejnieh u qalilna **"iva dak it-trabokk inpoggieh hemm", kien tiegħu biex jaqbad l-għasafar**, informajnieh li kien illegali li jkollok trabokk ...[7] (enfasi tal-Qorti)

18. Għaldaqstant kuntrarjament għal dak li xehed Clive Camilleri, minn dak li stqarr l-appellant, jirriżulta illi t-trabokk kien tiegħu, illi kien jużah sabiex jaqbad l-għasafar u illi kien hu stess li poġġieh fuq il-guva. Għalhekk ma kienx poġġieh hemmhekk Anthony Camilleri, li kien miet sena u nofs qabel, kif jgħid ix-xhud. Lanqas ma kien il-każ allura, kif jgħid l-istess xhud, illi t-trabokk kien ilu żmien twil ma jintmiss minn fuq il-guva. Kif lanqas ma jirriżulta wkoll dak li jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu ossia illi huwa ndika lill-Pulizija illi t-trabokk kien tħalla hemm, mingħajr użu, minn ħuh Anthony Camilleri, li kien miet xi sena u nofs qabel.

19. In kwantu għal dik il-parti tal-aggravju tal-appellant illi jgħid illi l-gradilja fil-bieba tat-trabokk kienet imniżżla l-isfel, b'dan għalhekk illi

[5] A fol. 8h tal-proċess.
[6] Ara d-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-assistenza legali ffirmata mill-appellant, a fol. 9 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 8b tal-proċess.

t-trabokk ma setax jintuża sabiex jinqabdu l-għasafar, Clive Camilleri jixhed illi l-bieba kienet magħluqa meta huwa niżżel it-trabokk minn fuq il-guva fuq l-ordni tal-Pulizija. In kwantu għar-ritratti Dok. CT 1 u Dok. CT 2, fejn jidher b'mod ċar illi l-gradilja fil-bieba kienet imtella', ix-xhud Camilleri jgħid illi s-Surġent "*beda jiftah u jiccekkja u jara*".[8]

20. Il-Qorti fliet bir-reqqa r-ritratt Dok. CT, li għalih jagħmel referenza ampja l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu u fir-rigward, jidhrilha illi l-appellant għandu raġun. Għalkemm dan ir-ritratt ittieħed minn ċerta distanza, madankollu, minnu jirriżulta dak li jgħid l-appellant ossia illi waqt illi t-trabokk kien għadu fuq il-guva, il-bieba tat-trabokk bil-gradilji, kienet imniżżla 'l isfel u mhux mtella' 'l fuq, kif tidher fir-ritratti Dok. CT 1 u Dok. CT 2. Dan qed jingħad għaliex il-gradilji fil-bieba ma jidhrux fil-parti ta' fuq tal-*frame* tat-trabokk, u dan fil-waqt illi l-bqija tal-fidiferru mal-bqija tat-trabokk jidher sew fl-istess ritratt. In oltre jidher ċar ukoll illi l-*frame* fuq in-naħa ta' isfel tat-trabokk hija iżjed wiesa' mill-parti ta' fuq tal-istess *frame* u dan juri illi l-bieba bil-gradilji allura kienet imniżżla 'l isfel, li jfisser għalhekk illi t-trabokk kien magħluq. F'dan is-sens wieħed jista' jara wkoll kif fir-ritratt Dok. CT 2, il-*frame* jidher iżjed wiesa' f'dik il-parti fejn hemm il-bieba bil-gradilji, u dan għaliex ikunu qed imissu ma' xulxin il-*frame* tat-trabokk u l-*frame* tal-bieba bil-gradilji. Isegwi għalhekk illi ma tirriżultax il-prova, fil-grad rikjest mil-liġi, illi fil-jum u fil-ħin in kwistjoni, it-trabokk kien ikkargat u allura illi l-appellant kien qed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja jew jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur, bl-użu tal-istess trabokk.

21. Illi ma' dan, il-Qorti żżid ukoll illi għalkemm fir-risposta tagħha, l-Avukat Ġenerali tgħid *inter alia* illi l-fatt illi l-appellant jisħaq illi t-trabokk kien magħluq meta kien fuq il-guva, iqajjem suspetti kbar illi appena l-appellant u n-neputi tiegħu, Clive Camilleri, indunaw li kienu resqin il-Pulizija, huma għalqu t-trabokk sabiex jidher li dan ma kienx qed jintuża, ma tirriżulta l-ebda prova f'dan ir-rigward. Kbir kemm hu kbir, suspett jibqa' biss suspett u ma jagħmilx prova.

[8] Ara a fol. 8i tal-proċess.

22. Illi għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni ta’ sejbien ta’ ħtija fl-appellant dwar iż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ l-appell tal-appellant **Paul CAMILLERI**, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tiegħu, u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**